MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2004

Numru. 138/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anzjan Pierre Micallef Grimaud)**
**(Spettur Ramn Mercieca)**

**vs**

**Joseph Borg**

**Seduta tal-lum 23 ta' Frar, 2004.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Joseph Borg** ta' 30 sena, bin il-mejjet John u Emanuela *nee'* Farrugia, mwieleed Pieta' nhar id-19 ta' Lulju, 1973, detentur tal-karta ta' l-identita numru 365373M u residenti 137, Triq il-Ward, Housing Estate, Zabbar,

Talli fil-21 ta’ Frar, 2004, ghall-habta ta’ xi 19.00hrs, gewwa Misrah il-Helsien, il-Belt Valletta waqt ic-celebrazzjonijiet tal-Karnival attakkajt jew ghamilt resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqoesx vjolenza pubbblika kontra l-persuna ta’ PC 1180 Paul Sultana, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qieghed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-Ligi minn Awtorita kompetenti, u dan I ksur ta’ l-Artikolu 96(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurjajt, heddidt jew ghamilt offiza fuq il-persuna ta’ PC 1180 Paul Sultana persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel ,mjew minhabba li ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxxi fuqu kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dan is-servizz bi ksur ta’ l-Artikolu 95(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamilt offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC 1180 Paul Sultana skond kif iccertifika Dr. Saviour Cilia (Reg. No. 2432) mic-Centru tas-Sahha Floirjana bi ksur ta’ l-Artikolu 221 (1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, irrifjutajt taghti jew tajt falz lill-Ispettur Ramon Mercieca u lil PS 1444 Kenneth Brignano ufficjali pubblici jew lil wiehed iehor inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-drittijiet tieghu, ismek, kunjomok, hew fejn toqghod jew partikularitajiet ohra u dan bi ksur ta’ l-artikolu 338 (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbejt ghal PC 1180 Paul Sultana sabiex tingurjah, iddejjqu jew taghmillu hsara u dan bi ksura ta’ l-artikolu 339 (d) u (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi,volontarjament ksirt il-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat u glied u dan bi ksur ta’ l-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi,ghedt fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku u dan bi ksur ta' l-artikolu 338 (bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' PC 1180 Paul Sultana wegghajtu bi kliem, b'gesti jew b'mod iehor u dan bi skur ta' l-artikolu 252 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi mbotta lill-imsemmi PC 1180 Paul Sultana sabiex iwegghu jew jinsulentah u dan bi ksur ta' l-artikolu 339 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data ghall-habta ta' xi 19.45Hrs waqt li kont taht kustodja tal-Pulizija gewwa l-Ghassa tal-Belt Valletta hrabt mill-istess kustodja u dan bi ksur ta' l-artikolu 151 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba biex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' PC 1180 Paul Sultana u tapplika l-provedimenti ta' Art. 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat u stante li l-prosekuzzjoni ma ottjenietx il-kunsens tal-avukat generali, wara li tat l-opportunita' lill-imputat biex jirrifletti fuq id-dikjarazzjoni tieghu, huwa ikkonferma id-dikjarazzjoni ta' htija fil-presenza tal-avukat difensur tieghu;

Rat l-atti tal-kawza;

Fuq ammissjoni, ssib lill-imputat hat ital-akkuzi kif migjuba kontra tieghu;

Wara illi rat l-artikoli 95(1), 96(a), 221(1), 338(g) (bb) (dd) 339 (1) (d) u (e), 342, 252(1) u 151 tal-Kap 9;

Wara illi rat il-fedina penali tal-imputat u 151 tal-Kap 9;

Wara illi rat il-fedina penali tal-imputat u semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet kwantu l-piena;

Ikkunsidrat illi l-imputat miexi f’direzzjoni li tikkonducih ghal-piena karcerarja. Jekk, izda, verament irid jirriforma ruhu mill-problema li ghandu, din il-Qorti ser taghtih kull possibilta’ biex jaghmel dan u ghalhekk b’ordni ta’ probation, tqieghed lill-imputat taht sorveljanza ta’ ufficcjal tal-probation ghal-perjodu ta’ sentejn mil-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 u dan peress illi jezistu ragunijiet sufficjenti sabiex ikun applikat dan l-artikolu ghar-riabilitazjoni tal-imputat. F’dan il-perjodu ta’ sentejn, l-imputat ghandu jattendi kors ghal-riabilitazjoni mill-vizzju tax-xorb taht l-agenzija Sedqa u joqoghod ghall-dawk l-istruzzjonijiet u ordnijiet imposti mill-ufficcjal tal-probation.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

Tordna li kopja taghha tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation biex jidentifika l-ufficcjal tal-probation li ghandu jissorvelja lill-imputat;

Tordna ukoll li dawn l-atti jintbaghtu lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------